# IL-HMAR IZ-ZOPP.

Kienet lejla tassew kiesha. Il-qamar kwinta kien idawwal l-ghelieqi mikxija bis-silg fejn il-hmar zghir zopp kien jghix wahdu.

Kien ilu hemm minn zmien ir-Rebbiegha meta hu wasal ma' cirku li kien jivvjaga minn lokal ghal iehor jaghti wirijiet ta' hila minn persuni u annimali. Kien izappap u sidu ra li ma kien jiswielhu ghal xejn hlief biex jiekol u ma jaghmel ebda xoghol iehor. Ghalhekk haseb li jhallih hemm. Il-hmar ma ghamel ebda protesta. Ghalanqas iffranka li jigbed il-karettun mimli tfal u jdawwarhom madwar l-ghelieqi fejn kien isorgi c-cirku. Kien kuntent li jghix fl-ghelieqi xaghri. Haxix kien hemm kemm trid x'tiekol u l-bdiewa li kienu jahdmu l-ghelieqi tal-qrib kienu jgibhulu kabocci, zunnarija u ilma biex jixrob. Ma kien jonqsu xejn.



Pero' kien ihoss s-solitudni. L-aktar f'dan il-lejl ta' lejliet il-Milied. Il-hmir kollha jafu b'dan il-lejl qaddis. Forsi mhux wiehed minn niesu garr lil Marija lejn Betlem?

Huwa sema' l-arlogg tal-knisja tal-villagg idoqq nofs il-lejl u d-dwejjaq tas-solitudni gaghluh jinhaqq wahda kbira, bhala turija ta' dieqa. Fil-hemda ta' dak il-lejl deherlu li sema' twegiba, izda kien hoss differenti milli jisma' s-soltu. Mill-boghod kien gej lejh il-hoss tad-daqq tal-gniegel. U aktar ma beda' jghaddi l-hin aktar beda' jinstema' fil-qrib. Il-hmar hares 'l fuq imma ma ra xejn. Il-hoss imbaghad gheb fix-xejn u mill-gdid waqghet il-hemda. Imma s-skiet ma damx hafna ghaliex il-hmar sema' hsejjes ta' passi tqal fis-silg. Xi hadd kien riesaq lejh fix-xaghri. Ghalkemm il-hmar ma bezghax, imma nfixel; min seta' kien f'dak il-hin tal-lejl tal-Milied?

Kien ragel m'ghola hawn liebes kowt tal-fur u barnuz. Fuq spalltu kellu imdendla xkora mimlija sew. Hekk kif qorob aktar vicin, il-hmar innota li kellu baffi bajda u ghajnejh kienu jixghelu f'dik id-dalma miksura mid-dawl tal-qamar. "Hello, habib taghna, kif inti?," staqsa ir-ragel, filwaqt li nehha t-tghabbija minn fuq spalltu u tefaghha fl-art hdejn riglejh.

"Hello," wiegbu l-hmar," min inti?"

"Jiena jafuni b'hafna ismijiet," wiegeb ir-ragel ohxon. " Daqqa jsejhului Sinterklass u ohra Kriss Kringle. Spiss isejhuli San Nikola u Santa Klaws imma li kelli naghzel, niehu gost kieku jsejhuli Father Christmas."

Il-hmar qal: " Imma jiena hsibt li inti kont riekeb  fuq is-slitta migbuda minn cerva?"

"Hekk kont," wiegeb lura Father Christmas, " imma billi kwazi spiccajt inqassam ir-rigali  lit-tfal ghal din is-sena hallejt ic-criev jitilqu ghar-rashom. Ic-criev hadmu  fuq li hadmu din is-sena ghax kien hemm hafna tfal li baghtuli t-talba taghhom  ghar-rigali. Issa nistrieh kemm kemm hawn. U billi smajtek tinhaq, hsibt u rajt li  nigi hawn u nghamillek ftit kumpanija. Xi tghid? "

"Fejn sejjer min hawn?."

"L-ahhar rigali li rrid inqassam huma ghand il-Green Valley Farm, ta' taht l-gholjiet. "

"Imma t-triq hija kemm xejn twila. Hemm madwar tnax-il mil distanza."

"Issa nkompli miexi u ma ghandix indum jekk nitlaq issa."

"Ara tista' tghabbni b'dik l-ixkora u naghmillek kumpannija sa Green Valley Farm," qallu l-hmar filwaqt li hares lejn l-ixkora kbira li kellu hdejn riglejh.

"Imma inti zopp u biex nghabbik b'dik l-ixkora nkun qed nghaglek tbati."

Imma l-hmar insista," Nista' ngorrha.  Thabbel rasek xejn."

"Mela jekk inhu hekk, immoru," wiegbu Father Christmas u filwaqt li b'gentilezza kbira tefaghhilu fuq dahru, it-tnejn telqu ghal ghonq it-triq.

Matul il-vjagg huma tkellmu fuq hafna hwejjeg fosthom kif sab ruhu tturufnat gewwa dak ix-xaghri. U Father Christmas irrakuntalu kemm kien imhabbat biex jaqra l-ittri li baghtulhu, jipprokura r-rigali u jippakjhom. Izda l-aktar bicca xoghol iebsa kienet li jqassamhom. Matul it-triq Father Christmas waqaf xi darbtejn, fetah l-ixkora, hareg ir-rigali u qieghdom fuq it-targa tal-bieb jew il-hogor tat-tieqa. Ma' l-ewwel raggi tax-xemx Father Christmas u l-hmar waslu Green Valley Farm fejn mic-cumnija tad-dar ta' Mr Charity kien hiereg shab ta' duhhan.

"Daqshekk kmieni, eh," esklama Father Christmas hekk kif refa' l-ixkora tar-rigali u hekk haffef il-piz minn fuq dahar il-hmar. "Wasalli z-zmien li nitlaq minn hawn!" Taptap tnejn fuq ghonq il-hmar u sellimlu. "Il-festi t-tajba, hu hsieb, narak is-sena d-diehla." Il-hmar dar tnejn biex jara jilmahx lil Father Christmas, izda ma seta' jilmhu mkien ghax kien gheb bhal lehha ta' berqa.

Dak il-hin il-bieb ta' wara tad-dar infetah u Mrs Charity harget titma' it-tigieg. Ghajnejha waqghu fuq il-hmar u stghagbet mhux ftit meta ratu quddiemha. Hasbet li harab lil xi hadd u ghajtet lil zewgha. "Patrick, tfal ejjew u araw, ghandna mistieden!"

Patrick tefa' fuq kowt u hareg biex jara x'gara. " Din tassew haga ta' l-ghageb!"

U resaq lejn il-hmar. "Ara Marta. Xoghol Father Christmas jidher li hu." Melles lill-hmar fuq ghonqu u gabar l-ixkora mill-art. Kien fiha rigali ghat-tfal tieghu. Imma uliedu li hargu wkoll biex isegwu dak li kien qed isehh anqas biss taw kaz tar-rigali, izda marru dritt fuq l-annimal jifirhu bih. Madwar ghonqu sabulu kartella: " Dan hu r-rigal tal-Milied ghalikom ilkoll – il-povru ghandu sieq zoppa, hudulu hsiebha u l-Bambin iberikom.  Il-Milied it-Tajjeb."

Mill-ewwel darba li rawh il-familja Charity habbitu. Hadu kura kbira tieghu. Patrick, il-missier li kien jifhem sew fl-annimali billi l-maqjel  kbir tieghu kien mimlija bihom, ikkurah bil-qalb. U fir-Rebbiegha il-hmar beda' jimxi tajjeb. Armalu karrettun u beda' jgorr it-tfal li kienu jigu ma' l-ghalliema taghhom izuru l-annimali fil-Green Valley Farm.  Kull tifel u tifla kienu jiggustawh u meta jinzlu minn fuq il-karrettun kienu jzelu bih.  U l-hmar kien jinhaq tnejn biex jurihom kemm japprezza l-karezzi taghhom

Imma l-aktar li kien japprezza l-hmar kienu  zewg mumenti kbar fis-sena: l-ewwel meta kien jerfa' fuq dahru lil dak li kien jaghmilha ta' Kristu fid-dahla tieghu gewwa Gerusalemm u l-ohra meta sidu kien jiehdu biex jerfa' lil Marija li flimkien ma' Guzeppi u ma' tfal ohra kienu jghaddu mit-toroq tal-villagg biswit l-irziezet jkantaw innijiet tal-Milied.